# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IR-RABA' KTIEB TA' L-1927


## IS-SENGĦA TAL-KITBA

*(Jorbot mal-faċċ. 6 ta' l-1927)*

### THEJJIJA TAL-FANTASIJA

Fantasija tissejjaħ dik is-setgħa tal-moħħ li tiġbor u żżomm dawk ix-xbihiet u dawk id-dehriet illi missensi jidħlu fil-moħħ, tgħaqqadhom waħda ma' l-oħra u minnhom issawwar xbihiet ġodda xi drabi ta' ġmiel barrani.

Min ra pajjiż sabiħ aktarx baqagħlu xi ħjiel tiegħu, u jista', biex ingħid hekk, iġibu quddiem għajnejh kull x'ħin irid: dan xogħol il-Fantasija. Dawk il-qtajja' ta' anġli li naraw fl-inkwatri ta' pitturi magħrufin—irjus ta' tfal u ta' żgħażagħ minn l-isbaħ, ilbies ħafif donnu mustaxija, ġwienaħ li fit-taqsim tal-lwien tagħhom iħabbtuha ma' ta' l-isbaħ għasfur—huma wkoll xogħol tal-Fantasija.

Il-Fantasija tistagħna bl-*osservazzjoni*. Is-sensi kollha jġibulha xbihiet ġodda; iżda l-ogħna u l-isbaħ xbihiet jiġuha mill-għajnejn: għalhekk id-dawran fil-pajjiż fejn wieħed twieled u s-safar f'pajjiżi oħra huma għall-fantasija il-għajn il-kbira tal-ħajja.

Malta ċkejkna, u d-dawran fil-gżira ma jistâx ikun kbir u fit-tul wisq. Imma, ma' dan kollu, kemm hawn fostna li jistgħu jgħidu li raw f'Malta is-sabiħ li fiha

x'tara? Min ra d-daħliet kollha tal-baħar u *osserva* it-tifsila tax-xtut ta' kull waħda minnhom, xi drabi niżlin ħelu ħelu ġo l-ilma li donnok ma tistâx tgħid sewwa fejn jiltaqgħu u xi drabi ħorox, suwed, għoljin, maqtugħin ċomb li donnhom iħarsu biċ-ċiera lejn il-medda bla tarf ta' l-ilma, li min-naħa l-oħra jqajjem il-mewġ li jbajjad bir-ragħwa, u jwaddbu għalihom f'dagħdigħa qalila? Kemm hawn fost il-kittieba li minngħajr għaġla, u bla ħsieb ta' qadi, telgħu qajla qajla mal-għoljiet xemxija tal-gżira tagħna u minn fuq daharhom ħarsu lejn il-ġmiel tal-widien dellija li sserrep taħthom u ftit il-barra ma' dwarhom, ħodor bil-qasab, bis-siġar u bis-saqwi, bosta drabi mwennsa bix-xogħol tas-swieni sejra u bil-ħsejjes ta' l-ilma ġieri, u mhennija bil-għanja maltija, dejjem kwieta u dejjem irżina, tal-bidwi, felħan bla ma jaħseb f'saħħtu, qalbu mimlija bla ma jaf biex, għani bla ma jifhem kif?

Ftit huma, naħseb, bħal ma huma ftit dawk li marru għal-t'apposta fuq xifer ta' blat imtarraf fuq il-baħar in-naħa tal-punent, biex jaraw minn hemm id-dehra sabiħa li jqiegħdlek quddiem għajnejk l-inżul tax-xemx — dak id-deheb, dak il-ward, dawk ir-rubini, imxerrdin ħodon-ħodon mas-smewwiet, fuq il-baħar u fuq ir-rdum ta' dawk l-inħawi.

Barra minn dawn id-dehriet kbar tan-natura jagħnu ukoll lill-fantasija dehriet u ġrajja oħra ċkejknin, fejn tiftaħ, tikber, tgeġweġ il-ħajja tal-ħxejjex, tal-ward u tad-dud. Għalhekk, ħarġa fir-raba' f'jum tar-rebbiegħa, iż-żmien li l-ward jiżgħad u jlellex taħt is-sirġa ħanina tax-xemx, u s-siġar tnawwar, twarrad, tiżhar, u n-naħal iżanżan bla heda fil-ġonna, mal-widien, max-xagħri, tista' tħalli l-isbaħ ħjiel u l-oħla tifkiriet li fis-snin ta' wara, ma' reġgħat-ix-xemx t'April, jerġgħu jilbsu b'dija ġdida u fil-fantasija tagħna jintisġu ma' dehriet oħra u jnisslu fina ħass u tqanqil ta' hena l-iżjed safi,

Iżda billi, bħal ma għidna, il-gżira tagħna ċkejkna, ma nistgħux insibu fiha dawk id-dehriet ta' kobor u ta' ġmiel li donnhom fihom seħer u jżommulek ħsiebek u ħarstek imsammrin fuqhom: ma għandniex muntanji li jċarrtu s-sħab u bil-qċaċet tagħhom bojjod bis-silġ tistħajjilhom jitbewsu mas-sema; anqas għandna xmajjar li jitnisslu minn dawn il-muntanji u jiġru, iserrpu, jiġġarfu, jinqasmu, jingħaqdu, jitwassgħu, jidjiequ sa kemm, bħallikieku għajjenin mill-ġirja twila, jinxeħtu u jistrieħu fil-baħar.

U xi ngħidu għal l-egħġubijiet magħmulin minn l-idejn tal-bniedem? Għandna l-Belt Valletta illi, ngħidu b'għaxqa ta' qalbi, hi bħala minjatura ta' Belt—żgħira, nadifa, mogħnija bl-isbaħ tifkiriet ta' l-Arti u ta' l-Istorja—iżda nbagħad ma tarax dawk l-ibliet imfasslin b'sengħa u b'dehen li jgħaġġbek, b'ġonna u pjazez u triqât wisgħin u dritti li ħarstek tintilef fihom, u knejjes u palazzi u monumenti, mużejjiet u Biblijoteki u ma' dawn fabbriki ta' kull xorta li toħroġ minnhom mibluh.

Għalhekk min irid jikteb tajjeb jinħtieġlu għall-inqas xi darba jsiefer: min qatt ma joħroġ minn dan ix-xiber art ta' Malta ma jistâx ikollu ħjiel tajjeb tal-kobor, tal-ġmiel, tat-tiżwiq tan-natura, u anqas, ħjiel imdaqqas ta' l-egħġubijiet ta' l-arti u tas-snajja'; u kull meta hu u jikteb, ikun irid joħloq minn moħħu xi xbihat sbieħ ta' pajjiżi, sewwa mgħammrin sewwa m'humiex, il-fantasija ma tgħinux wisq, u d-deskrizzjonijiet li jagħmel aktarx joħorġu dgħajfin, nieqsa u bla lewn.

Barra minn l-osservazzjoni, il-fantasija tistagħna bil-qari. Dan it-taħriġ hu ta' fejda għal kullħadd, iżda l-aktar għal dawk li għal xi imma ma jistgħux joħorġu mill-gżira. Nifhiehmu: meta jiena ngħid *qari*, ma għandix f'rasi li wieħed jaqbad f'idejh ktieb liema ġiè ġiè, u jaħtaf għoxrin jew tletin faċċata għall-mogħdija taż-

żmien, jew biex jitgħaxxaq bil-ġrajja ta' mħabba, jew ta' niket li meta tagħsarhom ma jħallu xejn; għandi f'rasi li wieħed l-ewwelnett jagħżel il-kotba li jgħoddu għalih, jiġifieri kotba li jitkellmu, mhux fuq fruhat, imma fuq ħwejjeġ tal-qabda, bħal ma huma deskrizzjonijiet ta' pajjiżi oħra bin-nies tagħhom, bid-drawwiet bil-liġijiet u bir-reliġjon ta' hemm, jew kotba li jistudjaw in-natura tal-bniedem fil-fehma tiegħu, fil-qalb, fl-imġiba, u dan mhux fih in-nifsu biss, iżda fl-istorja tiegħu minn meta beda jħażżeż xi tifkiriet ta' ġrajjietu: inbagħad li wieħed jifli tajjeb u jixtarr dak li jaqra sa kemm idaħħalhom fil-ħażna u jagħmilhom tiegħu.

Kotba ta' din il-qatgħa hemm erbgħa ġmielhom filġabra tal-"Mogħdija taż-Żmien"; insemmi quddiem: "*L-Istorja ta' Malta*" fil-qosor, miktuba minn l-imħallef P. Debono u miġjuba fil-Malti minn Ġużè Muscat-Azzopardi; "*Malta Qadima*" ta' P. Bellanti, "*X'jgħid il Malti*" ta' Patri Manuel Magri S.J., "*Id-Dinja bil Ħlejjaq Tagħha*" ta' A. Preca, "*Daura sabiħa fil-Lvant*" ta' Dun Xand Cortis, "*Ħames xhur fil Grecja*" tiegħu ukoll, "*Storja tal Knisja*" ta' A. Preca, "*Il Kruċjati*" ta' A. M. Galea u oħrajn: inbagħad xi ġabriet ta' poëżija tajba, bħal ma hi dik ta' G. A. Vassallo, ta' R. Taylor, ta' L. Mifsud-Tommasi, ta' G. Muscat-Azzopardi u ta' oħrajn kittieba tal-lum. Il-qari talpoëżija ma hemmx miegħu għal min irid jitgħallem jikteb: il-fantasija tal-poëta dejjem iżjed mixgħula minn tal-kittieb tal-proża, u s-sengħa tal-kitba fil-poëta iżjed irqiqa milli fil-kittieb l-ieħor. Id-dehriet li jkollu l-poëta huma bħad-dehriet tan-natura, sbieħ, imżewqin, imqabbla fil-lwien u fid-daqs: fi kliemu u fi ħsiebu tgħaddi qisha mewġa ta' daqq li jiġbdek u jġiegħlek tifhem qawwi bħal ma jifhem hu, u tinżel miegħu sal-qiegħ ta' qalbu, u ġewwa dik il-qalb donnok tisma' l-polz ta' l-univers iħabbat waħda b'waħda ma' tiegħu.

Għalhekk il-poëta xi drabi bla ma jintebaħ hu stess, jobsor ħwejjeġ li f'ħajtu ħadd ma jafhomlu u li ż-żmien biss juri kemm kienu minnhom; u dan hu is-sigriet li fil-poëżija jħenni lir-ruħ ta' min jifhimha u li jżomm il-poëżija ħajja fost radam ta' kitba li titwieled, tgħix u tmut f'dawra ta' ftit ġimgħat jew ftit xhur: u din hi l-ħtija li dawk ix-xbihat li nitgħallmu mill-poëżija donnhom ma jridu jitħassru qatt la minn moħħna, l-anqas minn qalbna.

Hekk jidhirli li għidt kemm kien xieraq li wieħed igħid f'daun it-"Tlitt-Xhur" fuq it-thejjija tal-Moħħ, tal-Qalb u tal-Fantasija għal dawk li jridu jitħarrġu fil-kitba bil-malti.

**Dun Karm.**